TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 458

KAZ NRU. 540

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Richard Attard

u

Marsa Steel Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 15 ta' Ottubru, 1992

Chairman: Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons), M.A.

INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal permezz ta' ittra tal-Ministru tal-Politika Socjali tat-30 ta' Marzu, 1990 skond l-Artiklu 28 (2) ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali. L-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Joe Brincat waqt li l-kumpanija kienet assistita mill-Avukat Dr. Gavin Gulia.

It-Tribunal zamm ghaxar (10) seduti u fihom ezamina xhieda u dokumenti marbutin mat-tezijiet tal-kaz.

TEZIJIET U KONKLUZJONIJIET TAL-PARTIJIET

L-appellant sostna li t-temm ta' l-impjieg mill-kumpanija Marsa Steel Co. Ltd. wara madwar 12-il-sena impjegat maghha li tulhom kien imexxi hu n-negozju kienet ngusta. L-appellant li hu wkoll shareholder fl-istess kumpanija, stqarr li mindu tkecca l-kumpanija naqset hafna mill-profitti. Il-prova tal-

parti l-ohra bi li membri tal-familja raw ghaddej lil Richard Attard u fil-vicinanzi ta' huh u kkonkludew li kien qed jahdem ma huh b'detrimant ghall-interess taghhom. Suspetti biss ma jgibux kawza gusta ghax din trid tigi ppruvata definittivament mill-parti li qed tallegaha.

Il-kumpanija sostniet li l-appellant abbuza mill-pozizzjoni tieghu u ffavorixxa lill-istess kompetizzjoni taghha. Il-provi cari juru li fit-2 ta' Jannar, 1990 l-appellant deher ma huh Charles ghaddej bit-truck, jiftah il-garage ta' huh, izarmaw l-affarijiet u jibqghu sejrin. Il-fatti huma li l-appellant kien qieghed jassisti lil kumpanija ohra konkorrenti diretta tal-Marsa Steel. Hu l-appellant, Charles Attard, kien inqabad f'cirkostanza ohra, jahdem bi truck tal-Marsa Steel, u dankif gabu? Il-prova ewlenija giet meta saret sorveljanza u ghassa specifika u bnalhekk hemm xhieda okulari dwar abbuz u assistenza lil konkorenti.

## KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Fi kwistjonijiet tax-xoghol il-kriterji li ghandhom ikunu l-bazi ghall-valutazzjoni tal-kaz huwa x-xhieda, id-dokumenti, l-etika tax-xoghol u l-bilanc bejn dmirijiet/obbligi u drittijiet kif imhaddma mill-employer u mid-dipendenti. Dan hu kaz klassiku ta' temm ta' impjieg f'kuntest ta' azjenda zghira b'interessi ta' shareholders li huma jew relatati, jew impjegati ukoll fil-management. Il-qofol tal-kwistjoni torigina minn cirkostanzi ta' possibilita ta' konflitt ta' interess. Ghaldaqstant il-principju fil-gestjoni ta' kumpanija ghandu implikazzjonijiet wiesa' izda fl-istess waqt huwa kardinali fil-process tat-trasferiment tal-poteri managerjali li min jigu fdati. Ix-xhieda migjuba tat indikazzjonijiet li l-appellant issorpassa l-limiti li kellu jopera fihom bhala bniedem

ta' fiducja. Kull konflitt ta' interess meta ppruvat jiggenera riperkussjonijiet serji fir-relazzjoni ta' l-impjegat ma min ihaddem, aktar u aktar jekk l-istess impjegat ikun shareholder u fil-management.

It-Tribunal analizza l-indikaturi pro u kontra l-evoluzzjoni tal-kaz bhala wiehed ta' konflitt ta' interess u jikkonkludi li l-appellant abbuza mill-pozizzjoni favorevoli tieghu u ma kienx leali b'mod shih lejn il-principju ta' integrita fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu.

It-temm ta' l-impjieg hu dejjem pass iebes u soffert li l-employer ghandu jasal ghalih bhala l-ahhar soluzzjoni izda abbuzi tas-setgha managerjali u konflitti ta' interess jikkompromettu il-fiducja li l-impjegat ghandu jimmerita kostantement ghax fl-assenza taghha r-relazzjoni tax-xoghol issir insostenibbli, kif gara f'dan il-kaz.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti tal-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht l-Att ta'l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali qed jintaxxa ghal kull wiehed mill-persuni ti dehru ghall-partijiet id-drittijiet fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-Xoghol.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
Segretarju